

# Is-Salib tal-Kalkara



# Introduzzjoni

Raħal b'għeruq qodma kif inhu dak tal-Kalkara, jostor ġewwa fih anedotti, ġrajjiet u stejjer kull tant mistura mar-radda taż-żminijiet. Uħud minn dawn jixhdu s-sewwa u r-realtà, oħrajn huma frott ta' immaġinazzjoni ferventi jew żieda ta' dak li jkun seħħ tassew. Madankollu, l-ebda minnhom ma jkunu frott il-qerq, imma wild identità ta' poplu ġwejjed, iżda ħawtiel u li għaraf maż-żmien jistgħana driegħu. Dawn ir-rakkonti u l-ġrajjiet huma meqjusa bħala wirt ta' raħal daqs kull binja u mafkar, għax jixhdu twemmin



***Xellug:** Ir-rebħa tal-Assedju ta' Malta, xogħol Charles-Philippe Larivière (1798-1876). Sala tal-Kruċjati, Palazz ta' Versailles, Franza.*

u ħsieb ta' ġens magħqud mal-medda tas-snin. Il-leġġenda bl-isem popolari *Is-Salib tal-Kalkara* hija waħda minn dawn l-anedotti ħelwin li għalkemm mhux bilfors seħħew fis-sewwa, huma minsuġa madwar l-Assedju l-Kbir ta' Malta, ġrajja li seħħet tassew.

Leġġenda isimha magħha, iżda l-binja ta' mafkar fil-qedem biex ifakkar din il-ġrajja hija tassew meqjusa. Kien b'xorti ħażina li dan is-salib inqered maż-żmien, u għalkemm il-leġġenda baqgħet popolari mat-tfal u l-popolin, bin-nuqqas ta' dan il-mafkar waqgħet iżjed fil-ħemda. B'ġieħ missirijietna, l-Assoċjazzjoni Wirt il-Kalkara ħasset il-ħtieġa li matul is-sena 2018 taħdem qatiegħ sabiex jerġa' jinbena l-monument tas-salib u tinħareġ pubblikazzjoni dwar il-leġġenda u l-ġrajja madwarha. Bil-ħidma u bl-għajnuna tal-Onor. Glenn Bedingfield MP, tad-Direttorat tar-Restawr fi ħdan il-Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali, il-proġett AVOS fi ħdan il-Kunsill Malti għall-Arti, il-Kunsill Lokali tal-Kalkara u diversi individwi oħra din l-inizjattiva ser is-sib il-qofol tagħha matul Settembru 2019. Dan l-ilżiem jisfa' fix-xejn jekk ma jitwaħħadx mat-tixrid tal-għarfien fost l-istudenti tfal u żgħażagħ li huma l-ġejjieni ta' ġens li jgħożż l-istorja tiegħu. Din hija x-xewqa tagħna, li ngħożżu dak li sawwarna, infakkruh u nxandruh fil-kisba ta' identità Kalkariża awtentika.



# Il-Poeżija tas-Salib

Guido Lanfranco twieled fl-1930 u minbarra diversi kotba u artikli dwar l-istorja naturali, storja, drawwiet u tradizzjonijiet, kiteb ukoll għadd ta' poeżiji u taqbiliet. Il-poeżija li kiteb bl-isem *Is-Salib tal-Kalkara* u li qed tiġi riprodotta hawnhekk bil-permess ġentili tiegħu, dehret fil-ktieb 'Nagħrfu l-Leġġendi Maltin' ippubblikat minn Wise Owl Publications fl-2008 (leġġenda numru 42). Il-karikatura f'din il-paġna hija produzzjoni tal-istess awtur. F'dan il-ktieb l-awtur jagħti ukoll tagħrif storiku dwar il-Knisja tas-S.S. Salvatur fil-Kalkara, kif ukoll il-ġrajja msejsa madwar is-salib li fil-qedem kien jinsab fi Triq ir-Rnella.

Żmien l-Assedju l-Kbir ta' Malta
Kavallier kien difensur
Ta' l-inħawi tal-Kalkara,
Magħrufin "Tas-Salvatur".

Kien kaptan u bniedem twajjeb
Beda jħeġġeġ lill-Maltin
Biex b'kuraġġ u fidi f'Alla
Jiffaċċjaw lill-Misilmin.

It-taqtigħa kienet twila,
Spiss it-Torok jitfaċċaw,
Jagħtu s-salt lid-difensuri
U ftit wara jirtiraw.

Fl-aħħar wasal tmiem l-Assedju
Meta t-Torok bdew sejrin,
Għax it-telfa kienet tagħhom,
Imma r-rebħa tal-Maltin.

Il-kaptan kavallier twajjeb,
Malajr niżel għarkobbtejh
Sabiex jagħti ħajr lil Alla
Bis-suldati kollha ħdejh.

Ma kellux xbieha ta' Kristu
Sabiex fiha wens isib,
Stallett ħareġ minn ġo ħżiemu,
Waħħlu fl-art qisu Salib.

Biex titfakkar din il-ġrajja
Fuq il-post Salib kbir bnew,
Imma dan, biż-żmien, inqered,
U maż-żmien in-nies insew.



# Ġrajjiet bikrija tal-Kalkara

Fost l-ewwel inħawi fil-gżejjer Maltin li ġew mgħammra mill-baħħara insibu l-Port il-Kbir ta' Malta, bid-daħliet tiegħu joffru kenn għalihom mill-maltempati tal-Baħar Mediterran. Is-sejba ta' pilastru tal-granit fl-inħawi tal-Kastell Sant' Anġlu jixhed il-preżenza tal-Feniċi u aktar tard tar-Rumani.

Madankollu, il-wesgħa t'art illum magħrufha bħala l-Kalkara toffri ħjiel ta' storja eqdem minn hekk. Ir-raddi tar-roti misjuba fl-inħawi ta' wara l-Kunvent tal-Kapuċċini huma xhieda tal-ġens Malti fi żmien il-Bronż. Fl-1830 waqt tħaffir għall-pedamenti tal-Isptar Navali ta' Bighi nstabu ħaġar Eġizzjan bikri, illum il-ġurnata eżebiti fil-Mużew Brittanniku ġewwa l-Ingilterra. Sadanittant, fl-1980 waqt tħaffir għall-pedamenti ta' xi djar instabu ħames ipoġej tal-perjodu Paleo-Kristjan fl-inħawi tax-Xagħra ta' Santa Duminka.

Il-Kalkara hija magħmulha minn żewġ peniżoli: dik tar-Rikażli, antikament magħrufha bħala *Punta Sottile* jew *Punta delle Forche* (kif indikat fuq il-mappa ta' Antonio Lafreri fl-1551) minħabba l-forka li kienet tingħata hemm, u dik ta' Bighi, antikament magħrufha bħala *San Salvatore* minħabba l-Knisja qadima li ġġib l-istess titlu.



***Xellug:** Dettall minn pittura antika tal-Port il-Kbir ta’ Malta, ċ. 1750. Awtur mhux magħruf.*

Huma tnejn id-daħliet li jiffurmaw il-Kalkara: dik tar-Rnella bl-isem ġej mit-Taljan *arenella* minħabba l-forma tagħha u li skont l-istoriku Ġan Franġisk Abela (1647) kienet tajba għall-għawm, u dik tal-Kalkara li antikament kellha diversi ismijiet fosthom *Porto del Infermeria*. L-istess storiku jgħid li fid-daħla tal-Kalkara kien isir il-ġir, u b’hekk l-inħawi ħadu l-isem *Calcara*. Tixhed dan ukoll il-mappa tal-Port ta’ Malta mfassla minn Niccolò Nelli fl-1551 bl-indikazzjoni tal-*fornate di calcina*.

Fiż-żminijiet imbegħda l-Kalkara ħadet forma ta’ raħal żgħir b’ammont ta’ bdiewa u sajjieda jgħixu fih, xhieda tal-art għammiela u d-daħliet kennija tiegħu. Qabel l-1487 kienet inbniet Knisja żgħira ddedikata lis-Salvatur fuq *la punta sottile della Rinella* jew il-peniżola tas-Salvatur.

***Taħt:** Dettall juri l-Kalkara ta’ mappa tal-Port ta’ Malta, Niccolò Nelli, 1551. Venezja.*



Mill-viżti pastorali li saru fi żmien il-ħakma tal-Ordni Ġerosolomitana ta' San Ġwann jirriżulta li din il-Knisja antika ġiet imwaqqa' fuq ordni tal-Gran Mastru Jean Parisot de Valette matul l-Assedju l-Kbir tal-1565 biex ma sserviex bħala difiża għall-armata Ottomana li f'dik is-sena kienet qed tattakka l-Forti Sant' Anġlu u l-*Borgo* li kien jinsab madwaru.

Kemm ir-rakkonti tal-Assedju l-Kbir kif ukoll il-mapep ta' dik il-battalja juru kif l-Ottomani kienu dawru lill-Kavallieri mill-imkejjen kollha tal-Port il-Kbir, b'mod speċjali billi kkampjaw fl-inħawi tal-Kalkara u użaw l-għolja tas-Salvatur bħala mkien minn fejn jattakkaw minn faċċata permezz ta' kanuni u armamenti oħra.

Kien iżda fl-istess żona tal-Kalkara li aktar tard Toni Bajada wassal bil-baħar kontinġent ta' għajnuna magħmul minn 700 raġel Sqalli taħt il-kmand ta' Melchiorre de Robles.

Il-leġġenda tas-salib issawret fuq din il-ġrajja, eżattament fi tmiem l-Assedju meta t-Torok ħarġu telliefa u l-ftit li kien għad fadal ħajja ħarbu lura lejn l-iġfna tagħhom u telqu lura lejn pajjiżhom. Jingħad li kif raw dan il-Maltin ferħu mhux ftit u rħewla lejn l-għolja tas-Salvatur fil-Kalkara. Il-Gran Mastru jew wieħed mill-Kaptana dlonk niżel għarkopptejh sabiex jagħti ħajr lil Alla bil-kavallieri kollha u l-Maltin biswitu. Ma kellux xbieha ta' Kristu miegħu u kien għalhekk li ħareġ x-xabla tiegħu stess u daħħalha fl-art

***Taħt:** Dettall ta' mappa turi l-Assedju l-Kbir ta' Malta, Antonio Lafreri, 1565. Ruma.*





***Fuq:** Parti mir-raddi tar-roti li jinsabu fil-Kalkara.*

bħala forma ta' salib. Il-miġegħma kollha bdiet titlob u tirringrazzja lil Alla għal din ir-rebħa. Jingħad li biex titfakkar din il-ġrajja, aktar tard maż-żmien, il-Maltin bnew salib kbir fuq l-istess post fi Triq ir-Rnella, li iżda sfortunatament iġġarraf fil-gwerra. Il-fdalijiet tiegħu kienu tqegħdu fi Triq is-Salvatur, iżda għosfru wkoll maż-żmien.

Sadanittant, fl-1580, wara wegħda li kienu għamlu, Claudio Abela u Davide Burlò talbu lill-Gran Mastru La Cassiere biex jiffinanzjaw u jerġgħu jibnu mill-ġdid il-Knisja tas-Salva-



***Lemin:** Ritratt meħud fil-festa tas-sena (ċ) 1900 fejn jidher is-salib tal-Assedju fi Triq ir-Rnella armat bil-liedna friska.*

***Lemin:*** *Ritratt antik li juri l-Knisja tas-Salvatur fuq l-għolja li ġġib isimha.*



tur fl-istess post fejn din kienet. Ftit għandna informazzjoni dwar din il-binja, iżda nafu li fl-1676 ġew midfuna fiha għadd ta' barranin fosthom il-Balliju Fra Giovanni Bichi li kien jiġi n-neputi tal-Papa Alessandru VII. Bichi kien miet bil-pesta kiefra li kienet laqtet ħesrem lil Malta fl-istess sena. Minħabba f'hekk, din il-Knisja reġgħet twaqqgħet u nbniet mill-ġdid fl-1680 fuq disinn ta' Lorenzo Gafà, u ħallas għaliha Fra Mario Bichi, in-neputi ta' Fra Giovanni. Huwa waqqaf ukoll monument f'ġieħ zijuh fl-istess Knisja, filwaqt li kkummissjona pittura tat-Trasfigurazzjoni ta' Ġesù mpittra minn Mattia Preti u li ġiet misruqa fl-1798 matul l-invażjoni tal-imperu Franċiż fil-gżejjer Maltin.

*Kitba tal-Kav. Duncan Brincat.*

***Taħt:*** *Dettall minn inċiżjoni li turi l-veduta tal-Kalkara u l-Belt Valletta mill-Kunvent tal-Patrijiet Kapuċċini fil-Kalkara, Benucci, 1817. Mużew Brittanniku.*




BOV HOME LOANS
BUY THE PROPERTY
OF YOUR DREAMS
All loans are subject to normal bank lending criteria and final approval from the Bank.
The term of the loan must not go beyond retirement age.
More information is available from www.bov.com or contact 2131 2020.
BOV
Bank of Valletta


ventura
appliances
MAKING YOUR HOME
THE BEST PLACE TO BE
BULEBEL | MARSA | PAOLA | ĦAMRUN
www.venturamalta.com


MJK
MJK was established in 1998. Project Cargo and Heavy Lifting is our core business. We also specialise in customs clearance, haulage services and freight forwarding. Our fleet includes mobile cranes from 35 ton to 300 ton.
Email: sales@mjk.com.mt
Tel: +356 21677668
www.mjk.com.mt

***Kopertina:*** *L-Assedju ta' Malta xogħol Ignazio Danti (seklu XVI). Musei Vaticani, Ruma.*



*Pubblikazzjoni tal-*
**Assoċjazzjoni Wirt il-Kalkara**
© 2019